# Qorti tal-Appell Kriminali

**Onor. Imhallef Dr. Antonio Mizzi LL.D., Mag. Juris (Eu Law)**

**Appell Numru: 392/2014**

Il-Pulizija

vs

**Emanuel Bezzina**

iben Emanuel, imwieled Pieta', fis-27 ta' Jannar, 1993, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 62193(M)

Illum 26 ta' Settembru, 2018.

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Emanuel Bezzina quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta):

Talli Nhar fis-17 ta' Gunju 2012 ghall-habta ta' 07:30 gewwa Triq Mikiel Anton Vassallo San Giljan;

1) Saq jew ipprova jsuq jew kellu fil-kontroll tieghu vettura bin-numru tar-registrazzjoni BBW 836, meta ma kienx f'kundizzjoni li jsuq minhabba xorb jew drogi;

2) Saq l-istess vettrua b'mod traskurat, perikoluz u bla kont;

3) Saq vettura bin-numru tar-registrazzjoni BBW 836, u b'nuqqas ta' hsieb u bi u bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila jew fl-arti jew professjoni jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku, nvolontarjment ikkaguna hsara ghad-dannu ta' ELC;

4) Saq l-imsemmija vettura bi speed eccessiv;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tat-3 ta' Ottubru, 2014 fejn il-Qorti wara li l-Artikoli 15A u 15(1)(a)(2) tal-Kap 65 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Artikolu 127 tal-L.S. 65 tal-2011, sabet lill-imputat hati biss tat-tieni (2) u r-raba' akkuzi u kkundannatu ghal multa ta' mitt euro (€100) flimikien ma' sospenzjoni tal-licenzja tas-sewqan ghal zmien tlett (3) xhur, filwaqt illiberatu mill-ewwel (1) akkuza u t-tielet (3) akkuza stante li l-procediment gie ezawrit.

Rat ir-rikors tal-appellanti Emanuel Bezzina tal-14 ta' Ottubru, 2014 fejn talab lil din il-Qorti joghgobha tvarja s-sentenza appellata billi:

1. tikkonfermaha f'dik il-parti fejn l-appellant gie illiberat minn l-ewwel imputazzjoni u gie iddikjarat procediment ezawrit fir-rigward it-tielet imputazzjoni; u

2. tikkancella dik il-part fejn il-Qorti sabet htija tat-tieni u raba imputazzjoni u konsegwentement tilliberah minnhom.

Rat l-aggravji tal-appellanti u cioe':-

Il-Qorti tal-Magistrati ma setghet qatt b'mod ragonevoli u legali tasal ghas-sejbin ta' htija ta' l-appellant u dan peress li ma kien hemm l-ebda prova tas-sewqa ta' l-imputat;

Illi fil-fatt l-qorti tal-Magistrati waslet ghal konkluzjoni u sejbin ta' htija ta' l-appellant fuq il-konkluzzjoni tal-Perit Richard Aquilina liema perit esprima l-opinjoni tieghu li l-vettura kienet qieghda tinstaq b'velocita' qawwija qabel l-incident;

Illi qabel xejn bir-rispett kollu lejn il-Perit Richard il-manzjoni tieghu kienet dik ta' espert fil-qasam tieghu ta' perit u mhux espert tas-sewqan tal-karozzi u ghalhekk l-opinion tieghu kienet tesorbita wahda li tesorbita il-kompetenza tieghu;

Illi f'dan il-kaz ma tresqet l-ebda prova diretta tas-sewqa ta' l-imputat. Hadd ma ra l-incident in kwistjoni. Hadd ma kien xhud ta' dak li verament gara u ghalhekk il-Qorti kellha tistrieh biss fuq provi indiretti u cirkostanzjali sabiex tasal ghas-sejbien tal-htija;

Huwa principju stabilit li sabiex prova indiretta tkun tista' tistrieh fuqa, din il-prova triq tkun wahda univoka u twasslek ghal konkluzzjoni wahda. Dan ma kienx il-kaz f'dan l-incident. Qieghed jigi sottomess li l-hasarat li garbet l-karozza ghalkemm hsarat estensivi ma hiex prova bizzejjed ta sewqan perikoluz. Dan konstata, l-Qorti ma setghatx b'mod ragonevoli u legali tasal ghal konkluzjoni li ghax kien hemm hsarat estensivi l-allura l-appellant kien qieghed isuq b'mod perikoluz. Dan mhux necessarjament il-kaz! L-appellant seta' tilef il-kontrol tal-vettura tieghu mhux necessarjament minhabba li kien qieghed isuq b'sewqan eccessiv. Sabiex jinghata ezempju fir-rapport tal-perit johrog car li wahda mir-roti tal-vettura kienet bit-tyre imnizzel.  Ma hemm xejn x'jindika li dan it-tyre nizel wara il-habta. Jista' jkun ukoll li l-appellant tilef il-kontrol tal-vettura minhabba s-sewqan ta' xufier iehor jew minhabba persuna jew sahansitra annimal qabad u qasmam min dik it-triq minghajr l-ebda pre avviz. Ghal grazzja ta' l-argument seta l-appellant hassu hass hazin u tilef il-kontrol tal-vettura tieghu.

Illi ghalhekk kollox jindika li s-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati ma hiex wahda 'safe and satisfactory';

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat,

Illi a bazi tal-aggravju tal-appellant, li l-ewwel Qorti qatt ma setghet b'mod ragonevoli u legali tasal ghal konkluzjoni taghha, din ill-Qorti regghet fliet bir-reqqa l-provi mressqa quddiem l-ewwel Qorti.  Fil-fatt, dwn il-provi hu ridotti ghal process verbal redatt mill-magistrat Inkwirenti.  L-ewwel Qorti waslet ghal konkluzjoni taghha billi qablet mal-konluzjonijiet milhuqa mill-esperti.

Illi minn analizi tal-provi jirrizulta li hadd ma kien prezenti ghall-incident meritu ta' dan il-kaz.  Jekk kien hemm xi xhieda dawn ma offrewx ix-xiehda taghhom u il-pulizija li nvesitgaw il-kaz ma sabu lil hadd li kien prezenti ghall-incident jew li ra kif gara l-incident.

Illi a bazi ta' dawn il-fatti l-ewwel Qorti waslet ghall-konkluzjoni li l-appellant saq b'mod traskurat, perikoluz u bla kont kif ukoll bi speed eccessiv a bazi tal-hsarat li garbet il-vettura misjuqa mill-appellant u mill-feriti li garrab l-appellant.

Illi fuq l-iskorta ta' dawn il-provi l-ewwel Qorti qatt ma setghet issib htija li l-appellant saq b'mod traskurat, perikoluz jew bla kont.  Ghalhekk, dan l-aggravju ta' l-appellant ghandu jigi milqugh.

Illi dwar l-aggravju ta' l-appellant li ma hemmx provi li hu saq bi speed eccessiv, din il-Qorti taqbel mal-konkluzjoni tal-ewwel Qorti.  Il-fatt li l-karozza giet dikjarata 'total loss' u il-feriti li garrab l-appellant kienu tali li kien fil-perikolu tal-mewt huma ndikattivi hafna.  Tali provi jwasslu ghal konkluzjoni li zgur hu kien qed isuq bi speed li teccedi t-tmenin (80) kilometru fis-siegha.  Din hi l-velocita' massima li wiehed jista' jsuq fil-lokalita'.  Tenut kont ta' dawn il-fatturi ma hemm ebda dubju li l-appellant kien qed isuq b'velocita' akbar minn dik konsentita' fil-lokalita'.

Ghaldaqstant, ghal dawn ir-ragunijiet tilqa' l-appell ta' Emanuel Bezzina u thassar u tirevoka s-sentenza appellata dwar it-tieni akkuza u tehilsu minn kull htija u piena.  Tikkonferma l-kumplament tas-sentenza appellata.  Dwar il-piena thassar u tirrevoka s-sentenza appellata u tikkundanna lill-appellant ghal hlas ta' multa ta' hamsin euro (€50) flimkien ma sospensjoni tal-licenzja tas-sewqan tieghu ghal perjodu ta' tmien (8) tijiem.  Din is-sospensjoni tibda tddekorri mis-siegha ta' fil-ghodu ta' ghada 27 ta' Settembru, 2018.